



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 19/24

il-Lussemburgu, it-30 ta' Jannar 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-560/20 | Landeshauptmann von Wien (Riunifikazzjoni tal-familja ma' minuri refuġjat)

### Refuġjat minuri mhux akkumpanjat għandu d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu anki jekk isir maġġorenni waqt il-proċedura tar-riunifikazzjoni tal-familja

*Fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-każ preżenti, għandu jingħata wkoll permess ta' dħul u residenza lill-oħt adulta ta' dan ir-refuġjat li teħtieġ l-assistenza permanenti tal-ġenituri tagħha minħabba marda gravi.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega li refuġjat minuri mhux akkumpanjat għandu d-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu anki jekk isir maġġorenni waqt il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja. Ir-riunifikazzjoni tal-familja trid eċċezzjonalment testendi għal oħt adulta meta din tkun teħtieġ l-assistenza permanenti tal-ġenituri tagħha minħabba mard serju. Inkella, ir-refuġjat ikun, *de facto*, imċaħħad mid-dritt tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu. Dan id-dritt ma jistax ikun suġġett għall-kundizzjoni li r-refuġjat minuri jew il-ġenituri tiegħu jkollhom akkomodazzjoni, assigurazzjoni tas-saħħa u riżorsi suffiċjenti għalihom u għal oħtu.

Wara li minuri Sirjan mhux akkumpanjat kiseb status ta' refuġjat fl-Awstrija, il-ġenituri tiegħu u oħtu adulta riedu jiksbu permessi ta' residenza hemmhekk sabiex ikunu jistgħu jingħaqdu miegħu. L-awtoritajiet Awstrijaċi ċaħdu dawn it-talbiet għar-raġuni li, wara s-sottomissjoni tagħhom, iż-żagħżuġ Sirjan sar maġġorenni, u ċaħdu wkoll talbiet sussegwenti għal riunifikazzjoni tal-familja.

Il-ġenituri u oħtu kkontestaw dan l-aħħar rifjut quddiem il-qorti amministrattiva fi Vjenna. Din tal-aħħar talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterspetta d-direttiva dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja <sup>1</sup>. Hija indikat, fost affarijiet oħra, li minħabba l-paraliżi ċerebrali, oħtu kienet tiddependi għal kollox u b'mod permanenti mill-għajjuna tal-ġenituri tagħha, b'tali mod li ma setgħux iħalluha waħedha fis-Sirja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-direttiva tagħti protezzjoni speċifika lir-refuġjati. Minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom, hija tiffavorixxi speċifikament lir-refuġjati minuri mhux akkumpanjati billi tagħtihom id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tagħhom.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **refuġjat minuri mhux akkumpanjat, li jkun sar maġġorenni matul il-proċedura dwar l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu, huwa intitolat għal tali riunifikazzjoni** <sup>2</sup>. Tabilħaqq, dan id-dritt ma jistax jiddependi fuq il-ħeffa ikbar jew iżgħar li biha tiġi pproċessata l-applikazzjoni. Għalhekk, l-applikazzjoni ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni li r-refuġjat ma jkunx għadu minorenni fid-data tad-deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, minħabba l-marda ta' oħt ir-refuġjat minuri, kieku ma jingħatax il-benefiċċju ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' dan tal-aħħar, fl-istess ħin tal-ġenituri tiegħu, ir-refuġjat jiġi, fil-prattika, imċaħħad mid-dritt tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja miegħu, peress li huwa impossibbli għall-ġenituri tiegħu li jingħaqdu ma' binhom mingħajr ma jieħdu lil binthom magħhom. Madankollu, tali riżultat ikun inkompatibbli man-

natura inkundizzjonata ta' dan id-dritt u jqiegħed fid-dubju l-effett utli tiegħu, billi jinjora kemm l-għan tad-direttiva dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja kif ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, immirati lejn ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif ukoll tad-drittijiet tal-minuri, li l-imsemmija direttiva hija meħtieġa li tiggarantixxi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, fit-tielet lok, li la r-refuġjat minuri u lanqas il-ġenituri tiegħu ma jistgħu jintalbu li jkollhom akkomodazzjoni kbira biżżejjed għalihom infushom u għall-oħt serjament marida, assigurazzjoni tas-saħħa, kif ukoll riżorsi suffiċjenti. Tabilħaqq, huwa prattikament impossibbli għal refuġjat minuri mhux akkumpanjat li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Bl-istess mod, huwa estremament diffiċli għall-ġenituri ta' tali minuri li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet qabel ukoll ma jkunu ngħaqdu ma' binhom. Għalhekk, meta l-possibbiltà ta' riunifikazzjoni tal-familja ta' refuġjati minuri mhux akkumpanjati mal-ġenituri tagħhom tkun dipendenti fuq il-kundizzjonijiet imsemmija, fir-realtà, ikun ifisser li dawn il-minuri jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom għal tali riunifikazzjoni.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> [Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE](#) tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja.

<sup>2</sup> Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' April 2018, A u S, [C-550/16](#), il-Qorti diġà ddeċidiet li minorenni mhux akkumpanjat li jsir adult waqt il-proċedura tal-ażil iżomm id-dritt tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja. Tali talba għar-riunifikazzjoni tal-familja għandha madankollu ssir f'perjodu ta' żmien raġonevoli, fil-prinċipju tliet xhur mid-data li fiha l-minuri kkonċernat ġie rikonoxxut bħala refuġjat (ara [Stqarrija Għall-Istampa Nru 40/18](#)).